MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 156/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Zammit)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Paolo De Costa Osario ta' 43 sena iben Giochain Augosto Osario u Emilia xebba Costa imwieled Campelo Baiao, Oporto, Portugall, fis-27 ta' Mejju 1968, residenti gewwa 31, Maple Leaf, Triq l-Ghollieq, il-Fgura, detentur tan-numru tal-passaport: 205224**

**Johann Joseph Spiteri ta' 33 sena, iben Martin u Iris xebba Schembri, imwieled H'Attard nhar it-8 ta' Dicembru 1978 residenti gewwa 31, Triq Hompesh, il-Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 580178M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi::

Fl-10 ta' Frar 2012 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija u fi zminijiet qabel din id-data minn gewwa l-Malta Ship Building li tinstab fil-Marsa u f'dawn il-Gzejjer ikkommettew serq ta' 'cables tar-ram' liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur u bil-lok ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra.

Ukoll talli fl-10 ta' Frar 2012 u zminijiet qabel f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod  li jkun indahlu sabiex ibieghohom jew imexxuhom, u cioe laqghu ghandhom diversi ram.

Lil Paolo De Costa Osario wahdu talli fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew wiehed li jkun inkariga minn servizz pubbliku, jew ma halleix jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tittratta mal-imputati bhala recidivi invista ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saret definittiva u ma stistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Ligijiet a' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Frar, 2012, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati u mill-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom hlief ghall-akkuza dwar ir-recidiva billi mill-provi jirrizulta illi l-ahhar kundanna fil-konfront tal-imputat De Costa Osario tirrisali ghas-sena 2004, filwaqt illi s-sentenza esebita fil-konfront ta’ Johann Joseph Spiteri giet applikata d-disposizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 fil-konfront tieghu. .

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati li qed jaghmlu l-almu taghhom biex jirriformaw hajjithom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(e)(f)(g), 264)(1), 266, 267, 338(ee) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issim lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ata’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigu sospizi ghal zmien erba’ (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------